# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 6 ta' Ottubru, 2000 .**

**Citazzjoni numru : 121/2000 G1 (PC)**

**Simonds Farsons Cisk p.l.c.**

**VS**

**Charles Borg .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni illi permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ippremettiet :**

**Illi hija bieghet u kkunsenjat bosta prodotti lill-konvenut ghall-konsumazzjoni fil-bottegin tal-Kazin tal-Partit Nazzjonalista ta' Victoria, Ghawdex .**

**Li ghal dawn il-konsenji ghad hemm pendenti l-hlas ta' bilanc ta' elfejn erba' mija u sitta u erbghin lira u disgha u erbghin centezmu (LM2446.49) kif jirrizulta mill-anness rezokont immarkat bhala Dok . "A";**

**Illi ghal kemm l-istess konvenut gie interpellat sabiex ihallas l-imsemmi bilanc, huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk, kellha ssir dina l-kawza ;**

**Illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, l-imsemmi debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet validi x'iressaq kontra it-talbiet attrici u ghal dan il-ghan, is-socjeta' attrici qeghda, tramite is-segretarju tal-bord taghha, tahlef kontestwalment affidavit li qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok . "B" .**

**Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti,**

**1. Tipprocedi ghas-sentenza minghajr is-smiegh tal-kawza u dana skond l-Artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) .**

**2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, erba' mija u sitta w erbghin lira u disgha u erbghin centezmu (LM2446.49) rapprezentanti bilanc minn somma akbar oggett ta' prodotti tas-socjeta' attrici mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti kif ntqal .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu, 2000 u bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sad-data tal-hlas effettiv .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' attrici kkonfermata bil-gurament ta' Dr. Andre Camilleri, segretarju tal-bord tal-istess socjeta' attrici .**

**Rat ukoll l-affidavit tal-istess socjeta' attrici pprezentat bhala dokument B mac-citazzjoni, ikkonfermat ukoll bil-gurament ta' Dr. Andre` Camilleri ghall-istess socjeta' attrici .**

**Rat in-nota ta' Dr. Joseph Ellis ghan-nom tas-socjeta' attrici, illi biha irriduca t-talba ghas-somma ta' elf disa' mija sitta u disghin lira u disgha u erbghin centezmu (LM1996.49), liema nota giet ipprezentata fl-udjenza tal-lum 6 ta' Ottubru, 2000 .**

**Rat ukoll il-verbal tal-istess avukat Dottor Joseph Ellis, fejn iddikjara li l-partijiet qablu li l-ammont kif gie ridott jigi mhallas mill-konvenut b'rati mensili ta' mitt lira (LM100) kull wiehed fix-xhur bejn Novembru u April, u ta' mitejn u hamsin lira (LM250) maltija fix-xhur l-ohra, b'dana li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u l-imghax legali jkunu a karigu tal-konvenut .**

**Rat ukoll il-verbal tal-konvenut maghmul seduta stante, fejn ammetta it-talba kif ridotta .**

**Il-Qorti ghal hekk, u in vista' ta' din l-ammissjoni, tiddecidi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf disa' mija sitta u disghin lira u disgha u erbghin centezmu (LM1996.49) lis-socjeta' attrici, b'dana illi l-istess somma ghandha tithallas a tenur tal-verbal maghmul seduta stante llum stess, b'rati mensili ta' mitt lira (LM100) kull wiehed li jibdew jithallsu minn Novembru illi gej, u dana sa April tas-sena d-diehla, u ta' mitejn u**

**hamsin lira (LM250) fix-xhur l-ohra sa kemm jithallas l-ammont kollu. B'dana wkoll, illi l-ispejjez tal-kawza u l-imghaxijiet legali fuq din l-istess somma, ikunu kollha a karigu tal-konvenut .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S12100Pc
522